L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

8 ta' Awwissu 2018
86/2018

## ĦRUQ TA' NAR MINN PROPRJETÀ TAL-KNISJA

Wara ċ-ċirkulari tal-Arċidjoċesi ta' Malta tal-4 ta' Mejju li għadda, li fakkret f'direttiva li kienet ilha li ħarġet is-snin biex ma jsirx ħruq tan-nar fuq proprjetà tal-Knisja, l-awtoritajiet tal-Knisja ddiskutew is-sitwazzjoni preżenti mal-kappillani u ma' diversi esperti, u ltaqgħu wkoll ma' rappreżenanti tal-għaqdiet tan-nar li xtaqu jressqu l-fehmiet tagħhom. Wara numru ta' laqgħat, ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni oriġinali li ma jsirx ħruq tan-nar minn proprjetà tal-Knisja.

L-Arċidjoċesi tixtieq tirringrazzja lil numru ta' parroċċi u għaqdiet tan-nar li aċċettaw din il-policy u sabu postijiet alternattivi biex jinħaraq il-logħob tan-nar.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**